**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 28**

**It-Tnejn, 5 ta' Mejju 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.09 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor Andy Ellul, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa 27, li saret nhar it-Tnejn, 14 ta' April 2025, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR GEORGE BORG GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ĠAMAJKA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, li fiha kien hemm 19-il nomina għal Ambaxxaturi mhux residenti. Skont ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa Nru 25 li saret fl-1 ta' April 2025, dawn in-nomini kienu se jitqassmu fuq numru ta' laqgħat u l-Kumitat kien ser jeżamina kull nomina individwalment.

Il-Kumitat kellu quddiemu n-nomina tas-Sur George Borg għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ġamajka.

Il-Kumitat stieden lis-Sur George Borg sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.11 p.m. is-Sur George Borg daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur George Borg li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet

se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Borg ta rendikont tal-karriera tiegħu fil-kamp edukattiv, fejn ta s-servizzi tiegħu għal iktar minn 40 sena, ta sehmu wkoll fil-qasam soċjali kif ukoll fi skejjel ta' abbilitajiet speċjali, fejn ikkontribwixxa fit-tfassil tal-edukazzjoni inklussiva. Is-Sur Borg jifforma parti mill-Assoċjazzjoni tal-Commonwealth Learning, fejn serva ta' Viċi President ta' qasam partikolari.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur George Borg u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.20 p.m. is-Sur George Borg irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur George Borg għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ġamajka. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.22 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur George Borg jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur George Borg daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ġamajka kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.23 p.m. is-Sur George Borg irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

## SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR JOSEF AZZOPARDI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL LESOTHO

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina Tas-Sur Josef Azzopardi għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Lesotho.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Josef Azzopardi sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.23 p.m., is-Sur Josef Azzopardi daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Josef Azzopardi li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Azzopardi ta rendikont tal-karriera tiegħu, preżentement bħala d-deputat kap tal-iskola tal-Ħandaq u spjega kif kien parti minn numru ta' għalliema li ġie avviċinat sabiex joħolqu sillabu għas-suġġett tal-Etika fl-iskejjel. Hu kien jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Marsa.

Is-Sur Azzopardi ta wkoll spjega qasira fuq il-pajjiż tal-Lesotho u spjega xi affarijiet komuni bejn pajjiżna u l-Lesotho u xi niċeċ li jistgħu jiġu esplorari, kif ukoll il-konnessjoni tal-Commonwealth bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni estensiva fuq dawn il-mistoqsijiet.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Josef Azzopardi u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.29 p.m. is-Sur Josef Azzopardi rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Josef Azzopardi għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Lesotho. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.30 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Josef Azzopardi jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Josef Azzopardi daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Lesotho kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.31 p.m., is-Sur Josef Azzpopardi lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR VICTOR AGIUS GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL BARBADOS**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sur Victor Agius għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Barbados.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Victor Agius sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil- 5.33 p.m. is-Sur Victor Agius daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Victor Agius ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala għalliem u fil-qasam tal-edukazzjoni fejn kien jgħallem il-Ġeografija u baqa tielgħa l-iskaluni sakemm għamel żmien bħala deputat kap u kap tal-iskola magħrufa dak iż-żmien bħala Marija Reġina. Ta sehmu wkoll fir-riformi tal-iskejjel 'Co-Ed' kif ukoll l-introduzzjoni tal-Middle Schools, breakfast club u oħrajn. Kien ukoll parti minn diversi bordijiet investigattivi matul is-snin u ħa sehem f'numru ta' working groups fil-qasam edukattiv fi Brussell.

Is-Sur Agius tkellem ukoll fuq il-konnessjoni bejn Malta u Barbados u x'issues hemm pertinenti bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Victor Agius u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.49 p.m. is-Sur Victor Agius irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Victor Agius għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Barbados. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.50 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Victor Agius jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Agius daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal Barbados kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.50 p.m. is-Sur Agius irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.52 p.m.il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**